

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)
tat-3 ta' Marzu 2009 – Patsarika vs Cedefop**

(Kawża F-63/07) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Assenjazzjoni mill-ġdid – Drittijiet tad-difiża – Tkeċċija fit-tmiem tal-perijodu ta' prova – Proċedura fil-kontumaċja)

(2009/C 102/53)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Maria Patsarika (Thessalonika, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u N. Keramidas, avukati)

Konvenut: Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) (rappreżentanti: M. Fuchs, aġent, assistit minn P. Anestis, avukat)

Suġġett

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tas-Cedefop tal-20 ta' Settembru 2006 li twaqqaf il-kuntratt għal żmien fiss tar-rikorrenti wara l-perijodu ta' prova tagħha u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) M. Patsarika għandha tbat i tliet kwarti mill-ispejjeż tagħha.
- 3) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali għandu jbati kwart mill-ispejjeż tiegħu u kwart mill-ispejjeż ta' M. Patsarika.

⁽¹⁾ ĠU C 283, 24.11.2007, p. 43.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)
tat-29 ta' Jannar 2009 – Petrilli vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-98/07) ⁽¹⁾

(Servizz Pubbliku – Membri tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt – Ammissibbiltà – Att li jikkawża preġudizzju – Artikoli 3b u 88 tal-Kundizzjonijiet tal-impjeg – Tul tal-kuntratt – Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2004 dwar it-terminu massimu tal-użu tal-persunal mhux permanenti fid-dipartimenti tal-Kummissjoni – Legalità)

(2009/C 102/54)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Nicole Petrilli (Woluwé-Saint-Étienne, il-Belġju) (rappreżentant: J.-L. Lodomez, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u B. Eggers, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tiċħad, skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2004 dwar it-terminu massimu tal-użu tal-persunal mhux permanenti fid-dipartimenti tal-Kummissjoni, it-talba tar-rikorrenti sabiex tikseb it-tiġdid tal-kuntratt tagħha bħala membru tal-persunal bil-kuntratt u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tal-20 ta' Lulju 2007 li tiċħad il-talba għal ksib tat-tiġdid ta' kuntratt ta' membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt favur N. Petrilli hija annullata.
- 2) Il-partijiet, f'terminu ta' tliet xhur li jibdew jiddekorru minn meta tingħata din is-sentenza interlokutorja, għandhom jew jinfurmaw lit-Tribunal dwar l-ammont tal-kumpens pekunjarju li jkun ġie miftihem bejn il-partijiet minħabba l-illegalità tad-deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2007 jew, fin-nuqqas ta' ftehim, jippreżentawlu t-talbiet tagħhom dwar il-kwantifikazzjoni tal-kumpens.

- 3) L-ispejjeż huma riżervati.

⁽¹⁾ ĠU C 297, 8.12.2008, p. 48.